F'dan ir-rigward, il-Ministeru għaż-Żgħażagħ u Kultura jistieden individwi u/jew kumpanniji professjonali li bil-provi għandhom il-kapaċità meħtieġa biex jorganizzaw u jipprovdu t-tagħmir infrastrutturali meħtieġ u servizzi anċillari biex isiru u jitmexxew dawn l-attivitajiet fuq livell nazzjonali, biex jissottomettu proposti lill-Kumitat Organizzattiv ta' l-Avvenimenti.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Ministeru għaż-Żgħażagħ u Kultura, Dar il-Kavalier, Triq iz-Zekka, Valletta, wara li jitħallas dritt ta' Lm10.

It-2 ta' Jannar, 2004

MINISTRY FOR YOUTH AND THE ARTS

The Ministry for Youth and the Arts notifies that:

Sealed tenders will be received for the design, organisation and management of a quality National Event on the eve of May 1, 2004.

It is the intention of the Government of Malta to organise an appropriate programme of festivities to celebrate in a proper and fitting manner Malta's accession to the European Union on the 1st May 2004.

In this respect, the Ministry for Youth and the Arts invites individuals and/or professional companies that have the necessary proven ability to design, organise and provide the necessary infrastructural equipment and support services for the holding and quality management of such activities at a national level, to submit proposals to the Events Organising Committee.

Tender documents and forms are available from the offices of the Ministry for Youth and the Arts, Cavalier House, Triq iz-Zekka, Valletta against a payment of Lm10.

2nd January, 2004

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI

Il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti jgħarraf illi sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-12 ta' Jannar, 2004, jilqa' offerti magħluqin fl-uffiċċju tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti f'Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta għal:

Produzzjoni ta' *video clips* "Kartolini" għall-Festival Kanzunetta għall-Ewropa 2004 li se jsir f'Dar il-Mediterran, Valletta, fl-14 ta' Frar, 2004.

Il-formoli ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, 230, Casa Gaspe, Triq ir-Repubblika, Valletta, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

It-2 ta' Jannar, 2004

THE MALTA COUNCIL FOR CULTURE AND THE ARTS

The Maltasong Board notifies that up to 10.00 a.m. of Monday, 12th January, 2004, separate sealed tenders will be received at the Malta Council for Culture and the Arts office at Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta for:

Production of video clips "Kartolini" for the Song for Europe 2004 festival to be held at the Mediterranean Conference Centre, Valletta on the 14th February, 2004.

Forms of tender may be obtained from the Malta Council for Culture and the Arts, Casa Gaspe, 230, Triq ir-Repubblika, Valletta, during normal office hours.

2nd January, 2004

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Fogg Insurance Agencies Ltd noe għan-nom u in rappreżentanza ta' sindakati esteri operanti bl-isem Octavain at Lloyds, Brittania House, Old Bakery Street, Valletta ippreżentat Avviż fl-14 ta' Lulju 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Charles Gouder, 35, Triq il- Gendus , Valletta iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm987.18 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1408/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-23 ta' Jannar 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 24 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Fogg Insurance Agencies Ltd noe in the name and on behalf of foreign entities operating as Octavian at Lloyds, Brittania House, Old Bakery Street, Valletta filed a writ of summons on the 14th July 2003 against Charles Gouder, 35, Gendus Street, Valletta wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm987.18 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1408/03 JR) has been put off for the sitting of the 23rd January 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 24th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

2

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Carabott Ltd, St. Joseph High Street, Ħamrun, ippreżentat Avviż fl-4 ta' Diċembru 2001, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Anthony Pace, 115/7, West Street, Valletta, iħallas lill-attur is-somma ta' Lm400 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1683/01 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Jannar 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Carabott Ltd., St Joseph High Street, Ħamrun, filed a writ of summons on the 4th December 2001 against Anthony Pace, 115/7, West Street, Valletta, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm400 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1683/01 JR) has been put off for the sitting of the 29th January 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, the 26th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

3

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Merchants Street, Valletta, ippreżentat Avviż fl-10 ta' Diċembru 2003, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut John Muscat, 41, Mosta Road, St Paul's Bay, iħallas lill-attur is-somma ta' Lm1,119.50 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1758/03 PM) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-28 ta' April, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 26 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Merchants Street, Valletta, filed a writ of summons on the 10th December 2003 against John Muscat, 41, Mosta Road, St Paul's Bay, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm1,119.50 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1758/03 PM) has been put off for the sitting of the 28th April, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, the 26th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

4

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fil-jeddijiet ta' Maria Theresa Grech, sia bil-polza u sia bil-Liġi, u l-istess Maria Theresa Grech, "Casa Borgo", 36, Market Street, Floriana, ippreżentat Avviż fil-31 ta' Lulju 2003, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Rennie Briffa, Flat 3, Block D, Triq il-Għajn, Valletta, iħallas lill-attur is-somma ta' Lm366.75 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1527/03 JR) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 29 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Citadel Insurance p.l.c. as subrogated in the rights of Maria Theresa Grech, by virtue of the Insurance policy as well as by Law, as the same Maria Theresa Grech, "Casa Borgo", 36, Market Street, Floriana, filed a writ of summons on the 31st July 2003 against Rennie Briffa, Flat 3, Block D, Triq il-Għajn, Valletta, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm366.75 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1527/03 JR) has been put off for the sitting of the 29th January, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today, the 29th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

5

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Mirage Holdings Limited, Flamingo Showrooms, Cannon Road, Ħal Qormi ppreżentat Avviż fit-18 ta' Settembru 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta Helen Bartolo, "Ricky", Triq Mons. Alfred Mifsud, Birkirkara tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm389.00 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 2262/02 AJD) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tad-29 ta' Jannar 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 29 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Mirage Holdings Limited, Flamingo Showrooms, Cannon Road, Qormi filed a writ of summons on the 18th September 2002 against Helen Bartolo, "Ricky", Triq Mons. Alfred Mifsud, Birkirkara wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm389.00 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 2262/02 AJD) has been put off for the sitting of the 29th January 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 29th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

6

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta ppreżentat Avviż fl-10 ta' Diċembru 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta Yvonne Spiteri, Tosca Restaurant, 49, Paceville Avenue, Paceville tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm1,244 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1764/03 PM) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-28 ta' April 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 29 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Malta Tourism Authority, Auberge d'Italie, Triq il-Merkanti, Valletta filed a writ of summons on the 10th December 2003 against Yvonne Spiteri, Tosca Restaurant, 49, Paceville Avenue, Paceville wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm1,244 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1764/03 PM) has been put off for the sitting of the 28th April 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 29th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

7

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar, il-Qorti, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Mirage Holdings Limited, Flamingo Showrooms, Canon Road, Ħal Qormi ppreżentat Avviż fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Neville Cassar, 130/10, St Nicholas Street, Valletta tħallas lill-atturi s-somma ta' Lm320 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 1984/03 JB) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' Jannar 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 29 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Small Claims Tribunal (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap.12).

Mirage Holdings Limited, Flamingo Showrooms, Canon Road, Qormi filed a writ of summons on the 3rd October 2003 against Neville Cassar, 130/10, St Nicholas Street, Valletta wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm320 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1984/03 JB) has been put off for the sitting of the 26th January 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 29th of December, 2003.

ADV. DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

8

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2003, ordnat, is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Polidano Press Limited, ippreżentaw ċitazzjoni fis-16 ta' Settembru 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Ray Gera, fejn talbu l-konvenut għaliex dina l-Qorti m'għandhiex;

1) taqta' tiddeċiedi l-kawża ai termini ta' l-Artikolu 167, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u cioè bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u,

2) tikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' Lm6,114.49 kwantu għall-Lm5,187.75 kapital u kwantu għal Lm926.74 imgħax kalkolabbili bejn sat-30 ta' Ġunju 2003, bir-rata miftehma ta' 8% fis-sena kollox skond kif intqal fiċ-ċitazzjoni u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-imgħax legali, addizzjonali kalkolabbli mill-1 ta' Lulju 2003, sal-ġurnata ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Konvenut: 3, St. Vincent Street, Birkirkara.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża, maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru 2003, il-kawża Ċit. Nru. 940/2003 FS, fl-ismijiet Polidano Press Limited vs Gera Ray, ġiet appuntata, għas-smigħ għal-Erbgħa, 22 ta' Ottubru 2003, fil-11.15 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti, il-kawża hawn fuq ċitata, ġiet sussegwentement differita u issa tinsab differita għan-notifika tal-konvenut għad-29 ta' Jannar 2004, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 1st December 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Polidano Press Limited, filed a writ of summons on the 16th September 2003, in the First Hall Civil Court, against Ray Gera, whereby they asked the defendant, why this Court should not;

1) decide the cause in terms of Article 167 of the Code of Civil Procedure and that is without proceeding to a hearing of the cause and,

2) condemn him to pay the plaintiff company, the amount of Lm6,114.49 as for Lm5,187.75 capital and as for Lm926.74 interest calculated between the 30th June 2003, at the agreed rate of 8% per cent per annum everything as stated in the writ of summons and for the reasons premised.

With additional legal interest, calculated from the 1st July 2003, till the day of effective payment and with costs against the defendant, who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Defendant: 3, St. Vincent Street, Birkirkara.

By means of a Notice of Hearing, of a cause, issued, by the Superior Court Registry, on Friday, 19th September 2003, the cause writ of Summons Num. 940/2003 FS, in the names Polidano Press Limited v Gera Ray, was appointed, for hearing on Wednesday, 22nd October 2003, at 11.15 a.m.

By order of the same Court, the cause above mentioned, was subsequently put off and is now put off in order that the defendant be notified to the 29th January 2004, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 30th December 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

9

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Novembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Albert Schembri, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fenici Insurance Agency Limited, fil-kwalità tagħha ta' rappreżentant lokali għan-nom tal-membri ta' l-assiguratur esteru 'Lloyds', li flimkien jiffurmaw is-sindikat li jġib in-numru 362, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Edward Borg (Karta ta' l-Identità numru 441936(M)) f'ismu propju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Sun Power Catering Company Limited (ta' 4, Main Street, San Ġiljan, bin-Numru ta' Reġistrazzjoni C-7913), taħt polza tat-tip comprehensive u tal-Liġi, u l-istess Edward Borg f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Sun Power Catering Company Limited, ippreżentaw, fis-26 ta' Setttembru 2003, Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Albert Schembri u Vincent Gerada, fejn talbu l-konvenuti jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandhiex;

1. Tiddikjarahom jew min minnhom unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar l-1 ta' Ottubru 2001, għall-habta tat-8.30 a.m., ġewwa Regional Road, l-Imsida kif fuq premess;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, iħallsu lis-soċjetà attriċi Fenici Insurance Agency Limited, is-somma ta' ħamest elef, erba' mija u seba' liri Maltin u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm5,407.27), jew somma verjuri, ammont rappreżentanti d-danni kollha sofferti minnha bħala riżultat ta' l-imsemmi inċident, kif fuq premess;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur Edward Borg is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100.00), ammont rappreżentanti excess payment skond l-polza ta' assikurazzjoni relattiva;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' ..... ta' Jannar 2002, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dana l-att sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Il-kawża hawn fuq Ċitata, Ċitazzjoni numru 987/03 GV, fl-ismijiet Fenici Insurance Agency Limited et vs Schembri Albert et, tinsab differita għas-16 ta' Jannar 2004, fid-9.15 a.m., għan-notifika tal-konvenut .

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 30 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 11th November 2003, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant Albert Schembri, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fenici Insurance Agency Limited, in its capacity, as local representative on behalf on the members of the foreign insurer 'Lloyds', which together form the syndicate which bears the number 362, and as subrogated in the rights of its insured Edward Borg (Identity Card number 441936(M)) in his own name and in the name and in representation of the company Sun Power Catering Company Limited (of 4, Main Street, St Julian's, with Registration Number C-7913), under a comprehensive Insurance policy, and at Law, and the same Edward Borg, in his own name and on behalf and in representation of the company Sun Power Catering Company Limited, filed, on the 26th September 2003, a writ of summons, in the First Hall of the Civil Court against Albert Schembri and Vincent Gerada, whereby they asked the defendants to state, why this Court should not;

1. Declare them or either of whom solely responsible for the traffic accident which occurred on the 1st October 2001, round about 8.30 a.m., in Regional Road, Msida, as above premised;

2. Condemn the defendants or either of whom, to pay the plaintiff company Fenici Insurance Agency Limited, the sum of five thousand, four hundred and seven Maltese liri and twenty seven cents (Lm5,407.27), or more correct sum, amount representing all the damages suffered as a result of the said accident, as above premised;

3. Condemn the defendants or either of whom to pay the plaintiff Edward Borg the sum of one hundred Maltese liri (Lm100.00), amounting representing excess payment according to the relative insurance policy;

With costs, including, those of the judicial letter of ..... January 2002, and legal interests from the date of service of this deed till the effective payment, against the defendants or either of whom, who are from now summoned, so, that a reference to their oath be made.

The cause above mentioned, Writ of summons number 987/03 GV, in the names Fenici Insurance Agency Limited et vs Schembri Albert et, has been put off to the 16th January 2004, at 9.15 a.m., in order that the defendant be notified.

Registry of the Superior Courts, today 30th December 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

10

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Diċembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Raymond Bugeja, Komunità Santa Marija, Ħal Farruġ, Ħal Luqa, ippreżenta fis-6 ta' Marzu 2003, ċitazzjoni, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Doreen Bugeja, Vetran, St. Joseph Street, Ħaż-Żabbar, fejn talab il-konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. Takkordalu l-kura u kustodja tal-minuri ...Omissis... u fin-nuqqas takkorda l-kura u kustodja lill-ġenituri tiegħu;

3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'żewġ porzjonijiet, applikandi kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Liġi u tassenja waħda lill-attur u l-oħra l-istess konvenuta, bin-nomina okkorrendo ta' Perit biex jagħmel l-imsemmija likwidazzjoni jipproponi pjan ta' qasma u okkorrendo nomina ta' nutar sabiex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

4. Tikkundanna sabiex tikkonsenja lill-attur fi żmien qasir u perentorju li jiġu lilha prefiss, l-oġġetti kollha parafernali inklużi flus u fin-nuqqas tiġi kkundannata tħallas lill-attur il-valur tagħhom kif jif jiġi likwidat, okkorrendo, permezz ta' Perit nominat.

Bl-ispejjeż u l-konvenuta inġunta minn issa in subizzjoni.

Il-kawża hawn fuq ċitata, Ċitazzjoni numru 242/03 RCP, fl-ismijiet Bugeja Raymond vs Bugeja Doreen, tinsab differita għall-15 ta' Jannar 2004, fid-9.00 a.m., għan-notifika.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 2nd December 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Raymond Bugeja, Saint Mary Community, Ħal Farruġ, Luqa, filed, on the 6th March 2003, a writ of summons, in the First Hall Civil Court, against Doreen Bugeja, Vetran, St. Joseph Street, Żabbar, whereby he asked the defendant why this Honourable Court should not;

1. Pronounce the personal separation between the parties;

2. Grant him the care and custody of the minors ...Omissis... and failing which to grant the care and custody to the parents;

3. To declare dissolved the community of acquests between the parties, liquidate the same community, divide it into two portions, applying against the defendant the sanctions contemplated in the law and to assign one to the plaintiff and the other defendant, with the appointment if necessary, of a Referee, to carry out the said liquidation, propose a plan for division, and if necessary appoint a Notary to receive the relative deed and a curator to represent the eventual defaulters on the same deed;

4. To condemn her to deliver to the plaintiff within a short and peremptory period which shall be fixed to her, all the paraphernal objects including money and failing which that she be condemned to pay the plaintiff their value as it shall be liquidated, in necessary, by the appointment of a Referee.

With costs and the defendant, is summoned from now so that a reference, to her oath be made.

The cause above mentioned, Writ of Summons number 242/03 RCP, in the names Bugeja Raymond vs Bugeja Doreen, has been put off to the 15th January 2004, at 9.00 a.m., in order that service be effected.

Registry of the Superior Courts, today 30th December 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

11

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Novembru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Charmaine Spiteri, ippresentat fit-30 ta' Mejju 2003, ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Kevin Falzon, fejn talbet il-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi;

1) tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti f'Malta fit-28 ta' Lulju tas-sena elf disa mija u ħamsa u disgħin (1995) huwa null u bla effett skond il-Liġi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-inċiżi (d) u (f) tas-subartikolu wieħed (1) ta' l-Artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ tas-sena elf, disa' mija u ħamsa u sebgħin (1975) (Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa stess għas-subizzjoni.

Il-kawża hawn fuq ċitata, Ċitazzjoni numru 531/03 RCP, fl-ismijiet Spiteri Charmaine vs Falzon Kevin, tinsab differita għall-20 ta' Jannar 2004, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 30 ta' Diċembru 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 2nd November 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Charmaine Spiteri, filed on the 30th May 2003, a writ of summons, in the First Hall Civil Court, against Kevin Falzon, whereby she asked the defendant to state why this Honourable Court, should not for the reasons premised;

1) declare and decide that the marriage celebrated between the parties in Malta on the 28th July of the year one thousand nine hundred and ninety five (1995) is null and without effect according to Law, in particular in terms of sub sections (d) and (f) of subarticle one (1) of Article nineteen (19) of the Marriage Act of the year one thousand nine hundred and seventy five (1975) (Chap. 255 of the Laws of Malta) and thus order that the opportune annotation be made in the Relative Act of marriage.

With costs, against the defendant from now summoned so that a reference to his oath be made.

The cause above mentioned, Writ of summons number 531/03 RCP, in the names Spiteri Charmaine vs Falzon Kevin, has been put off to the 20th January 2004, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 30th December 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament passed during 2002	Lm12.00c
Annual Reports of Government Departments – 2002	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Documen	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diplomatic and Consular Representation in Malta – February 2001	50c
Diskors tal-*Budget* 2004	50c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2003	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2003	Lm32.56c
Estimates 2004	Lm 2.00c
External Affairs Service List –October 2000	50c
Financial Report 2002	Lm 2.00c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Internal Audit Function within Government Ministries, January 2000	Lm 1.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Public Service Management Code	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the year 2002	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper dwar Att Ġdid dwar l-Armi	Lm 1.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
White Paper on a New Act about Arms	Lm 1.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*